MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2014

Numru. 349/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Vincent Cucciardi**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Vincent Cucciardi ta' 35 sena, bin Angelo u Anna nee` Cutajar, imwieled il-Pieta` fit-2 ta' Frar 1977 residenti Flat No. 6, 'Gardenia Flats', Triq il-Gnien, Msida u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0112877(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-10 ta' Lulju 2012:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Ikkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta (Artikolu 22, Kap. 446), preseduta mill-Mag. Dr. S. Demicoli LL.D. nhar is-16 ta' Novembru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

4. Il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala wiehed li sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta;

5. Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma proprjeta` tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-ahharnett il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa fil-kawza sa dakinhar quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2014, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet is-suggeriment tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu, u fid-dawl tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reat in kwistjoni, f'liema zmien l-istess fedina penali kienet tinkludi sejbien ta' htija dwar *inter alia* pussess semplici ta' *ecstasy*, reati kontra r-regolamenti tat-traffiku u diversi kundanni dwar ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07, kif ukoll in konnessjoni ma' ferita ta' natura hafifa, theddid u hsara volontarja, dwar liema l-istess imputat inghata pieni ta' twiddiba/canfira, ammenda, multa u f'erba' okkazzjonijiet liberazzjoni kundizzjonata.

Ikkunsidrat ukoll illi minkejja li l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, din l-ammissjoni ma kinitx wahda bikrija. Fil-fatt fil-waqt illi l-kawza nbdiet fit-12 ta' Lulju 2012, l-ammissjoni tieghu giet registrata fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2014. Dan ifisser illi l-imputat xorta hela l-hin tal-Qorti u r-rizorsi tal-Pulizija u ghalhekk m'ghandu jibbenefika minn ebda riduzzjoni fil-piena ghall-fatt li huwa irregistra din l-ammissjoni.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi mix-xhieda tal-Ispettur Nikolai Sant[1] jirrizulta illi l-piz tat-trab konsistenti fi droga kokaina misjub fil-pussess tal-imputat kien ta' madwar ghoxrin gramma, liema droga kienet maqsuma f'seba' pakketti. Dawn il-pakketti jidhru fir-ritratt li jinsab fir-relazzjoni ta' PS 465 Daniel Abela, a fol. 94 tal-process u fir-ritratt li jinsab fir-relazzjoni ta' PC 1525 Patrick Farrugia, a fol. 362 tal-process. Qieset ukoll li nstabu numru ta' kantunieri tal-boroz tal-*plastic* vojta fil-pussess tal-imputat, liema kantunieri jidhru fir-ritratt li jinsab fir-relazzjoni ta' PS 465 Daniel Abela, a fol. 99 tal-process u fir-ritratt li jinsab esebit fir-relazzjoni ta' PC 1525 Patrick Farrugia, a fol. 364 tal-process. Anke minn dehra lejn dawn ir-ritratti, jidher car illi l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat ma kienx wiehed negligibbli.

[1] A fol. 27 tal-process.

Qieset ukoll illi l-imputat gie addebitat bl-aggravju tad-distanza ai termini tat-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema aggravju, apparti mill-ammissjoni tal-imputat, jirrizulta wkoll mir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri[2] u ghaldaqstant skond l-istess proviso, il-piena dwar ir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni ghandha tizdied bi grad.

Ikkunsidrat ukoll illi r-reat odjern gie kommess mill-imputat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), kif diversament preseduta, fis-16 ta' Novembru 2009, permezz ta' liema sentenza huwa gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mid-data tal-istess sentenza.[3] Skond l-istess sentenza, l-imputat kien instab hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ossia dwar hsara volontarja ai termini tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sewqan b'nuqqas ta' kont u traskuragni ai termini tal-Artikoli 15(1)(a) u (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-istess sentenza jirrizulta illi tenut kont tac-cirkostanzi msemmija fl-istess sentenza u cioe` l-ammissjoni bikrija tieghu, kif ukoll illi huwa obbliga ruhu li jhallas ghall-hsara kagunata minnu fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza, l-imputat gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mid-data tal-istess u in oltre gie kkundannat ghal piena ta' multa ta' mija u disghin Euro (€190), apparti li gie skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ghaxart ijiem.

Ai termini tal-Artikolu 325(1)(a), il-piena applikabbli ghar-reat ta' hsara volontarja hija dak ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, filwaqt illi l-piena applikabbli ghar-reat taht l-Artikolu 15(1)(a) hija dik ta' multa jew ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett xhur. Fir-rigward ta' dan l-ahhar reat, l-imputat inghata piena ta' multa u gie skwalifikat kif inghad. Ghaldaqstant il-Qorti jidhrilha li ghandha titratta biss mal-imputat fir-rigward tar-reat ta' hsara volontarja ai termini tal-Artikolu 325(1)(a) u sejra hekk

[2] A fol. 387 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 379 *et seq* tal-process.

titratta in vista tal-gravita` tar-reat kommess mill-imputat, kif kontemplat fl-ewwel imputazzjoni, waqt dan il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata.

Ikkunsidrat ukoll illi fil-fattispecje tal-kaz odjern, is-sub-artikoli (2) u (3) tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprojbixxu lil din il-Qorti milli tpoggi lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew milli taghmel ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, fil-waqt li l-Artikolu 28A(7)(c) tal-Kap. 9, jipprekludiha milli timponi sentenza sospiza. Konsegwentement, fil-fattispecje tal-kaz odjern, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li timponi piena karcerarja effettiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati permezz tal-imsemmija sentenza.

Fil-fissazzjoni tat-terminu ta' din il-piena karcerarja, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li skond is-sentenza citata, l-ammissjoni tal-imputat f'dawk il-proceduri kienet wahda bikrija u li huwa obbliga ruhu li jhallas ghall-hsarat kkagunati minnu. Ikkunsidrat ukoll illi ghandha tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni li taghha nstab hati permezz ta' dik is-sentenza.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll is-suggeriment maghmul lilha mill-partijiet fis-sens illi l-piena idonea fil-kaz odjern hija dik ta' sena prigunerija, fir-rigward ta' liema suggeriment il-Qorti ghamlitha cara lill-imputat li ma kinitx qed tintrabat bih.[4] Meta wiehed jikkunsidra l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat, li zgur ma jistax jinghad li kien xi ammont insinjifikanti u l-gravita` tar-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni, il-Qorti ma tqisx din il-piena bhala wahda idonea, izjed u izjed fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat fir-rigward tar-reati li taghhom huwa nstab hati permezz tas-sentenza tas-16 ta' Novembru 2009.

**Konkluzjoni**

---

[4] A fol. 399 tal-process.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(b), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **hati** tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet, ghall-piena ta' **tmintax-il xahar prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati li hawn qed jinstab hati taghhom – u **multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

In oltre ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u cioe` talli kiser il-liberazzjoni kundizzjonata moghtija lilu fis-16 ta' Novembru 2009 permezz ta' sentenza tal-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom huwa kien instab hati permezz ta' dik is-sentenza daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, b'dan illi ghar-ragunijiet moghtija izjed 'il fuq, qed titratta mal-imputat biss ghar-rigward tar-reat ta' hsara volontarja (l-ewwel imputazzjoni) u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imputazzjonijiet mertu ta' dik is-sentenza, wara li rat l-Artikoli 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 15(1)(a) u (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal piena ta' **prigunerija effettiva ta' erba' xhur u nofs**.

In oltre il-Qorti qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-esperti mahtura kemm waqt dawn il-proceduri, kif ukoll fil-mori tal-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert PS 465 Daniel Abela ammontanti ghas-somma ta' mija, hamsa u erbghin Euro u hamsa u erbghin centezmu (Eur 145.45), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' Dr. John Seychell, ammontanti ghas-somma ta' elf, mija, sebgha u sittin Euro u erbghin centezmu (€1167.40), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert PC 1525 Patrick Farrugia ammontanti ghas-somma ta' mitejn u hdax-il Euro u wiehed u tmenin centezmu (€211.81) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert il-Perit Valerio Schembri ammontanti ghas-somma ta' disa' mija u tmintax-il Euro u disghin centezmu (€918.90). Fir-rigward tar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, stante illi l-inkarigu tieghu kien limitat, skond id-digriet tal-Magistrat Inkwerenti, in konnessjoni mat-telefon cellulari tal-marka Nokia mudell 1280 ta' kulur iswed u mhux ukoll in konnessjoni mat-telefon cellulari tal-marka Nokia C2-01 u stante illi dan l-inkarigu lanqas ma gie estiz minn din il-Qorti, fil-mori ta' dawn il-proceduri, il-Qorti qed tikkundanna lill-hati sabiex ihallas biss nofs l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-imsemmi esperti, ossia s-somma ta' mitejn u tlett Euro u hamsa u hamsin centezmu (€203.55). L-ispejjez totali ammontanti ghas-somma ta' elfejn, sitt mija, sebgha u erbghin Euro u hdax-il centezmu (€2647.11) ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz u l-ispacc tad-droga, li nstabu fil-pussess tal-hati, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante illi kif inghad izjed 'il fuq, l-inkarigu moghti mill-Magistrat Inkwirenti lill-espert Dr. Martin Bajada kien limitat ghat-telefon cellulari tal-marka Nokia mudell 1280, fir-rigward ta' liema telefon cellulari l-analizi ma tat l-ebda rizultat, il-Qorti tordna r-rilaxx tal-istess telefon cellulari lill-hati. Tordna wkoll

ir-rilaxx tat-telefon cellulari tal-marka Nokia C2-01, stante illi minkejja li dan gie esebit fl-atti bhala parti mir-relazzjoni tal-imsemmi espert, kif inghad, l-analizi tal-istess telefon cellulari ma gietx awtorizzata mill-Magistrat Inkwirenti jew mill-Qorti fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

Stante illi mir-relazzjoni ta’ Dr. John Seychell[5] ma jirrizultax illi l-hati ghandu flejjes, proprjeta` mobbli jew immobbli fuq ismu, ghajr vettura tat-tip Mercedez Benz bin-numru ta’ registrazzjoni MER230, liema vettura ilha garaxxjata ma’ Transport Malta mill-4 ta’ Ottubru 2001, il-Qorti m’hijiex qed tordna l-ebda konfiska.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] A fol. 113 *et seq* tal-process.